# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).

Illum 26 ta' Novembru, 2001.
Il-Pulizija,
(Superintendent Pierre Calleja)
vs
Nazzeno sive Ronald Xerri u
Frank Farrugia.

*Sentenza fil-konfront ta' Nazzareno sive Ronald Xerri biss.*

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra l-imputati:

Frank Farrugia ta' 56 sena bin il-mejjet John u Mary nee Magro, mwieled l-Imsida u residenti 14 Triq San Pietru, Fgura, detentur tal-karta ta' identita` numru 646544(M), u,

Nazzareno sive Ronald Xerri ta' 30 sena bin Angelo u Carmena nee Micallef, imwieled Tal-Pieta u residenti 14 Triq Villambrosa, Hamrun detentur tal-karta ta' l-identita` numru 429369(M);

Akkuzati talli fid-29 ta' Lulju 2000 u fix-xhur ta' qabel din id-data b'diversi atti, ukoll maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

**LIL FRANK FARRUGIA WAHDU:**

F'Tal-Pieta`, mill-Provision Stores fl-Isptar San Luqa, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli li kienu fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraqhom ghal vantagg privat tieghu, a tenur ta' l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**LIL FRANK FARRUGIA U NAZZARENO SIVE RENNIE XERRI FLIMKIEN:**

Fl-istess perijodu fil-Pieta` kkommettew serq ta' diversi oggetti ta' l-ikel mill-Provision Stores ta' l-Isptar, San Luqa, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), lok u persuna u li gar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u li fil-konfront ta' Frank Farrugia wahdu bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kellu jissorvelja biex ir-reat ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Rat folio 9 l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat Nazzareno Xerri;

Rat folio 57 it-talba tal-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju li giet milqughha;

Rat folio 66 l-artikoli tal-Avukat Generali fil-waqt li deherlu li mill-atti tal-kumpilazzjoni setghet tinstab htija jew htijiet fl-imputat l-imsemmi Nazzareno Xerri taht l-artikoli tal-ligi hemm citati;

Semghet l-ahhar provi tal-prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat Nazzareno Xerri jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza fir-rigward tieghu tinstemgha sommarjament;

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Illi dina s-sentenza tirrigwarda u tolqot l-imputat Nazzareno Xerri biss.

Skond l-artikoli tal-ligi ta' l-Avukat Generali (folio 66) l-imputat hu akkuzat b'serq aggravat bil-persuna, lok u hin, ukoll li kkommetta r-reat meta kien ufficjal pubbliku u b'ricettazzjoni bhala reat alternattiv ghal dak tas-serq.

L-imputat ammetta r-responsabiltajiet tieghu fil-fazi inizjali tal-process ghal dak li kien ir-reat ta' serq u ippersista fl-ammissjoni tieghu anka wara l-artikoli ta' l-Avukat Generali.

In vista ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat l-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-piena. Filwaqt li qeghdha ssibu hati ta' serq, rat l-Artikolu 261 (d)(e), 267, 268(d), 269(d), 279(1), 280(1) tal-Kap 9 u tikkundannah hmistax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tordna li ghandhom jibqaw sospizi ghall-perjodu ta' sena mil-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija fil-perijodu operattiv fuq imsemmi ta' din is-sentenza sospiza.

Tilliberah mill-akkuza ta' ricettazzjoni u wkoll mill-akkuza dedotta taht l-Artikolu 141 tal-Kap 9 billi fl-ewwel reat dan hu in alternattiva ghas-serq u fit-tieni reat l-istess ma jirrizultax.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu naxxenti minn dina s-sentenza.

A.M. Trigona,
Magistrat.

Niddikjara li ittraskrivejt onestament u fedelment it-traskrizzjoni tas-sentenza.

Albert Calleja,
Deputat registratur.